2023/2649

29.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2649

tat-28 ta' Novembru 2023

li tagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "Hokoex" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2017, Hokochemie GmbH issottomettiet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodott bijoċidali uniku bl-isem ta' "Hokoex" tat-tip ta' prodott 18, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tal-Iżvizzera qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-TH035808-24 fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali.

(2) "Hokoex" fih iċ-ċiromażina bħala s-sustanza attiva inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip ta' prodott 18.

(3) Fil-25 ta' Marzu 2021, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ressqet, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

(4) Fl-4 ta' Novembru 2021, l-Aġenzija ssottomettiet l-opinjoni ([2]) tagħha, l-abbozz tas-sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott Bijoċidali (SPC) ta' "Hokoex" u r-rapport ta' valutazzjoni finali dwar il-prodott bijoċidali uniku, lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) L-opinjoni tikkonkludi li "Hokoex" huwa prodott bijoċidali uniku skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (r), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li huwa eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fit-2 ta' Diċembru 2021, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għaldaqstant tqis li huwa xieraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal "Hokoex".

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Opinjoni tal-ECHA tal-14 ta' Ottubru 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-prodott bijoċidali "Hokoex" (ECHA/BPC/297/2021), https://echa.europa.eu/it/opinions-on-union-authorisation

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0027471-0000 hija mogħtija lil Hokochemie GmbH biex tagħmel disponibbli fis-suq il-prodott bijoċidali uniku "Hokoex", u għall-użu tiegħu, f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbilita fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mid-19 ta' Diċembru 2023 sat-30 ta' Novembru 2033.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

Hokoex

Tip ta' prodott 18 — Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra (Kontroll tal-pesti)

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0027471-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0027471-0000

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Isem/ismijiet kummerċjali tal-prodott**

Isem/ismijiet kummerċjali	HOKOEX Żero Catch Elmadex Cyracid 2.0 HO.K.O. Meijerin Toukkatuho Cyracid 2.0 Diptosol But-ex Fly tomb 2.0 Neo-Larventox C BEG Madenstop Ultra Larvo-Mix BEG Larva C2 Ultra

1.2. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Isem	Hokochemie GmbH
	Indirizz	Pannerhofstrasse 7, 6353 Weggis l-Iżvizzera
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0027471-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0027471-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Id-19 ta' Diċembru 2023	
Data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni	It-30 ta' Novembru 2033	

1.3. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem il-manifattur	Schirm GmbH
Indirizz tal-manifattur	Geschwister-Scholl-Strasse 127, 39218 Schönebeck il-Ġermanja
Post tas-siti tal-manifattura	Dieselstrasse 8, 85107 Baar-Ebenhausen il-Ġermanja

1.4. **Manifattur(i) tas-sustanza/i attiva/i**

Sustanza attiva	N-ċiklopropil-1,3,5-triażina-2,4,6-triammina (Ċiromażina)
Isem il-manifattur	Jiangsu Flag Chemical Industry Co., Ltd
Indirizz tal-manifattur	Suyan Road, 210042 Nanjing iċ-Ċina
Post tas-siti tal-manifattura	Huangyu Industrial Zone, — Shangtang, Zhejiang iċ-Ċina

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
N-ċiklopropil-1,3,5-triażina-2,4,6-triammina (Ċiromażina)		Sustanza Attiva	66215-27-8	266-257-8	2,0

2.2. **Tip ta' formulazzjoni**

SG — Granulu li jinħall fl-ilma

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	Evita r-rilaxx fl-ambjent. Armi l-kontenut fi (skont ir-regolamenti lokali).

4. **UŻU/UŻIJIET AWTORIZZAT(I)**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1.

Użu # 1 — Kontroll tad-dubbien li jagħti fastidju u li jigdem fit-trobbija professjonali tal-bhejjem fil-biedja professjonali — utenti professjonali

Tip ta' prodott	TP 18 — Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra (Kontroll tal-pesti)
Jekk rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Larviċida għall-kontroll tad-dubbien li jagħti fastidju u li jigdem fit-trobbija professjonali tal-bhejjem: Fuq ġewwa għall-użu f'alloġġi tal-annimali tat-tipi ta' annimali li ġejjin f'postijiet fejn id-demel u/jew eskrementi oħra ma jkunux ikkompressati: baqar tal-ħalib, baqar taċ-ċanga, għoġġiela tal-vitella, ħnieżer nisa fi mqajjel individwali, ħnieżer nisa fi gruppi, ħnieżer tas-simna, tiġieġ tal-bajd imrobbija fil-beraħ, tiġieġ tal-bajd f'batteriji ta' gaġeġ arrikkiti, tiġieġ tas-simna, dundjani, papri, wiżż, fniek, żwiemel, mogħoż, nagħaġ, u minks.

Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju tal-iżvilupp)	Isem xjentifiku: Muscidae: Isem komuni: Dubbien Stadju tal-iżvilupp: L-istadji kollha tal-larva
Qasam/oqsma tal-użu	Fuq ġewwa Fuq ġewwa fl-alloġġi tal-annimali
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar Deskrizzjoni dettaljata: **Sprejjar bi pressjoni baxxa** — Żid l-ilma mal-prodott bejn wieħed u ieħor sa nofs il-volum finali tal-ilma, ħawwad sewwa, żid sal-volum finali u ħawwad ftit qabel l-użu. Sprejja fl-istess ġurnata. Fil-każ ta' materja organika xotta, applika biss permezz ta' sprejjar jew ta' tferrigħ. Metodu: Tferrigħ Deskrizzjoni dettaljata: **Tferrigħ b'landa tat-tisqija tal-ilma —** Żid l-ilma mal-prodott bejn wieħed u ieħor sa nofs il-volum finali tal-ilma, ħawwad sewwa, żid sal-volum finali u ħawwad ftit qabel l-użu. Uża fl-istess ġurnata. Metodu: Tixrid Deskrizzjoni dettaljata: **Tixrid xott bl-idejn** — Applika direttament fil-postijiet fejn jiżviluppa d-dud tad-dubbien. Ixxerridx fuq demel niexef jew fuq demel b'superfiċe niexfa. Fil-każ ta' materja organika xotta, applika biss permezz ta' sprejjar jew ta' tferrigħ.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: Sprejjar bi pressjoni baxxa: 25 g/m^2 (prodott mhux dilwit (granuli)) Dilwizzjoni (%): Għal superfiċe ta' 10 m^2 żid 250 g ta' prodott fl-ilma, imla sa volum totali ta' bejn 1 u 4 litri skont l-umdità tas-substrat li għandu jiġi ttrattat. Għadd u ħin tal-applikazzjoni: **Applikazzjoni inizjali:** Idealment ftit wara t-tindif tal-istalel jew direttament qabel l-istaġun tad-dubbien. Jista' jiġi applikat ukoll meta jibda l-istaġun tad-dubbien. Minħabba l-mod ta' azzjoni taċ-ċiromażina, il-kontroll effettiv tal-larvi ma jibdiex minnufih. Il-prodott bijoċidali jikkontrolla b'mod effiċjenti l-popolazzjonijiet tad-dubbien minn ġimagħtejn sa 10 ġimgħat wara t-trattament bil-larviċida. **Applikazzjoni mill-ġdid** Jekk ikun meħtieġ, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ripetuti ladarba jerġgħu jidhru l-larvi tad-dubbien. Għall-għadd massimu ta' applikazzjonijiet, ara t-taqsima struzzjonijiet speċifiċi għall-użu hawn taħt. Rata ta' Applikazzjoni: Tferrigħ b'landa tat-tisqija tal-ilma: 25 g/m^2 (prodott mhux dilwit (granuli))

	Dilwizzjoni (%): Għal superfiċe ta' 10 m^2 żid 250 g ta' prodott fl-ilma, imla sa volum totali ta' bejn 4 u 10 litri skont l-umdità tas-substrat li għandu jiġi ttrattat. Għadd u ħin tal-applikazzjoni: **Applikazzjoni inizjali:** Idealment ftit wara t-tindif tal-istalel jew direttament qabel l-istaġun tad-dubbien. Jista' jiġi applikat ukoll meta jibda l-istaġun tad-dubbien. Minħabba l-mod ta' azzjoni taċ-ċiromażina, il-kontroll effettiv tal-larvi ma jibdiex minnufih. Il-prodott bijoċidali jikkontrolla b'mod effiċjenti l-popolazzjonijiet tad-dubbien minn ġimagħtejn sa 10 ġimgħat wara t-trattament bil-larviċida. **Applikazzjoni mill-ġdid** Jekk ikun meħtieġ, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ripetuti ladarba jerġgħu jidhru l-larvi tad-dubbien. Għall-għadd massimu ta' applikazzjonijiet, ara t-taqsima struzzjonijiet speċifiċi għall-użu hawn taħt. Rata ta' Applikazzjoni: Tixrid xott bl-idejn: 25 g/m^2 Dilwizzjoni (%): Applikazzjoni diretta tal-granuli Għadd u ħin tal-applikazzjoni: **Applikazzjoni inizjali:** Idealment ftit wara t-tindif tal-istalel jew direttament qabel l-istaġun tad-dubbien. Jista' jiġi applikat ukoll meta jibda l-istaġun tad-dubbien. Minħabba l-mod ta' azzjoni taċ-ċiromażina, il-kontroll effettiv tal-larvi ma jibdiex minnufih. Il-prodott bijoċidali jikkontrolla b'mod effiċjenti l-popolazzjonijiet tad-dubbien minn ġimagħtejn sa 10 ġimgħat wara t-trattament bil-larviċida. **Applikazzjoni mill-ġdid** Jekk ikun meħtieġ, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ripetuti ladarba jerġgħu jidhru l-larvi tad-dubbien. Għall-għadd massimu ta' applikazzjonijiet, ara t-taqsima struzzjonijiet speċifiċi għall-użu hawn taħt.
Kategorija/i tal-utenti	Professjonali
Daqsijiet tal-pakketti u materjal tal-imballaġġ	Daqsijiet: 1, 5, 7, 10, 12,5, 20, 25, 50 kg. Materjali tal-imballaġġ: Kontenitur tal-PP jew tal-PE (mhux flessibbli) b'għatu bil-kamin (massimu 1 kg) Barmil tal-PP jew tal-PE bil-manku (mhux flessibbli) (massimu 10 kg) Xkora tal-karta kraft b'kisi intern tal-PP jew tal-PE (flessibbli) (massimu 50 kg) Borož tal-PP jew tal-PE (massimu 25 kg), miġbura f'kartuni Xkora tal-PP jew tal-PE f'kaxxa tal-kartun (massimu 25 kg) Borož tal-aluminju b'kisi intern tal-PP jew tal-PE miġbura f'kartuni (massimu 5 kg)

4.1.1. *Struzzjonijiet għall-użu speċifiċi għall-użu*

Applikazzjoni tal-isprej biss bi pressa baxxa 'l isfel bl-użu ta' bexxiexa li tintlibes mad-dahar.

Ilbes xedd tas-saqajn/bwiez b'saħħithom matul l-applikazzjoni tal-prodott.

Il-prodott jista' jiġi applikat permezz ta' sprejjar, tferrigħ jew tixrid xott. F'sena huwa permess wieħed biss minn dawk il-metodi ta' applikazzjoni speċifiċi bl-għadd massimu tiegħu ta' applikazzjonijiet ta' prodotti bijoċidali.

Baqar f'żoni tat-tismin jew fi mqajjel tat-trobbija (baqar tal-ħalib, baqar taċ-ċanga, għoġġiela tal-vitella):

Applika f'medda ta' 50 cm tul il-ħitan, taħt u maġenb l-installazzjonijiet tal-makkinarju. L-ewwel applikazzjoni l-aħjar issir minn jum sa 3 ijiem wara t-tneħħija tad-demel, ladarba d-demel jibda jakkumula mill-ġdid.

Sprejjar jew tferrigħ:

— Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar tal-ħalib

— Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar taċ-ċanga u għall-għoġġiela tal-vitella

Tixrid xott:

— Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar tal-ħalib

— Massimu ta' 2 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar taċ-ċanga u għall-għoġġiela tal-vitella

Baqar fuq art tal-malja (baqar tal-ħalib, baqar taċ-ċanga, għoġġiela tal-vitella):

Applika f'medda ta' 50 cm tul il-ħitan, taħt u maġenb l-installazzjonijiet tal-makkinarju. Meta jiġi ttrattat id-demel likwidu, il-granuli jistgħu jiġu mferrxa direttament. L-ewwel applikazzjoni l-aħjar issir minn jum sa 3 ijiem wara t-tneħħija tad-demel, ladarba d-demel jibda jakkumula mill-ġdid. Fl-imqawel tal-baqar b'paviment f'għamla ta' gradilja applika b'mod uniformi mas-superfiċe kollha.

Sprejjar jew tferrigħ:

— Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar tal-ħalib

— Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar taċ-ċanga u għall-għoġġiela tal-vitella

Tixrid xott:

— Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar tal-ħalib

— Massimu ta' 2 applikazzjonijiet fis-sena għall-baqar taċ-ċanga u għall-għoġġiela tal-vitella

Ħnieżer (ħnieżer nisa fi mqawel individwali, ħnieżer nisa fi gruppi u ħnieżer tas-simna):

Applika f'medda ta' 50 cm tul il-ħitan, taħt u maġenb l-installazzjonijiet tal-makkinarju.

Sprejjar jew tferrigħ: Massimu ta' 2 applikazzjonijiet fis-sena.

Tixrid xott: Massimu ta' applikazzjoni waħda fis-sena.

Pollam (Tiġieġ u tiġieġ tas-simna — batteriji ta' gaġeġ u trobbija fil-beraħ):

Tiġieġ tas-simna mrobbija fil-beraħ fuq mifrex jew paviment bi gradilja, tiġieġ tas-simna ġenituri mrobbija fil-beraħ jew imrobbija fuq paviment bi gradilja (trobbija fuq ġewwa), tiġieġ tal-bajd f'batteriji ta' gaġeġ arrikkiti jew imrobbija fil-beraħ fuq art bil-mifrex: Applika fuq is-superfiċe kollha. Ibda t-trattament madwar ġimgħa wara t-tneħħija tal-eskrementi iżda qabel ma jkun akkumula fond ta' 10 cm.

Tiġieġ tal-bajd bi trobbija fil-beraħ b'paviment bi gradilja: Applika fiż-żona taħt il-bejtiet u taħt il-ħwat tal-għalf.

Applikazzjoni biss permezz ta' sprejjar jew tferrigħ: Massimu ta' applikazzjoni waħda fis-sena.

Pollam (Dundjani, papri, u wiżż):

Applika fuq is-superfiċe kollha. Ibda t-trattament madwar ġimgħa wara t-tneħħija tal-eskrementi iżda qabel ma jkun akkumula fond ta' 10 cm.

Sprejjar, tferrigħ jew tixrid xott: Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena.

Fniek:

Ittratta s-superfiċe kollha tal-fosos taħt il-gaġeġ madwar 3 ijiem wara li jaslu l-annimali.

Sprejjar, tferrigħ jew tixrid xott: Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena.

Żwiemel:

Applika f'medda ta' 50 cm tul il-ħitan, taħt u ħdejn l-installazzjonijiet tal-makkinarju permezz ta' tixrid xott, tferrigħ jew sprejjar.

L-ewwel applikazzjoni l-aħjar issir minn jum sa 3 ijiem wara t-tneħħija tad-demel, ladarba d-demel jibda jakkumula mill-ġdid. Għall-aħjar riżultati, uża fuq imraqad mhux ikkumpattati.

Sprejjar jew tferrigħ: Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena.

Tixrid xott: Massimu ta' 2 applikazzjonijiet fis-sena.

Imqawel tal-mogħoż u tan-nagħaġ:

Ittratta s-superfiċe kollha tal-mifrex, rispettivament is-superfiċe kollha tal-art f'każ ta' pavimenti f'għamla ta' gradilja.

Sprejjar jew tferrigħ: Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena.

Tixrid xott: Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena.

Minks:

Ittratta ż-żona direttament taħt il-gaġeġ fejn jaqgħu l-eskrementi matul iċ-ċiklu tat-trobbija.

Massimu ta' trattament wieħed fis-sena.

Wara l-użu, it-tagħmir tal-applikazzjoni għandu jitbattal minn kwalunkwe prodott residwu u jitlaħlaħ bl-ilma.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— Matul l-immaniġġar tal-prodott pur (tixrid manwali xott, taħlit u tagħbija): ilbes ingwanti protettivi reżistenti għas-sustanzi kimiċi (il-materjal tal-ingwanti għandu jkun speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

— Matul l-applikazzjoni tal-prodott dilwit permezz ta' sprejjar jew b'landa tat-tisqija tal-ilma u matul it-tindif tat-tagħmir tal-isprejjar jew tal-landa tat-tisqija tal-ilma: ilbes ingwanti protettivi reżistenti għas-sustanzi kimiċi (il-materjal tal-ingwanti jrid ikun speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott) u coveralls miksijin. Iż-żona ttrattata bl-isprej trid tkun limitata għal 600 m^2 kuljum għal kull utent.

— Adatta ż-żennuna u l-pressjoni tat-tagħmir tal-isprej biex tiżgura rata minima ta' applikazzjoni ta' litru wieħed/min.

— Uża coveralls ta' protezzjoni li jintremew wara l-użu (mill-inqas it-tip 6, EN 13034).

— Għall-użu biss f'żoni li mhumiex aċċessibbli għat-tfal.

— Tapplikax direttament fuq l-annimali.

— Tapplikax direttament fuq jew ħdejn l-ikel, l-għalf jew ix-xorb, jew fuq superfiċi jew aċċessorji li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett mal-ikel, l-għalf, ix-xorb jew il-bhejjem.

— Taħżinx qrib l-ikel, ix-xorb u l-għalf tal-annimali.

— Tużax fl-istazzjonijiet tat-tnissil jew f'żoni oħra tat-tnissil għall-flieles

— Tużax il-prodott bijoċidali fl-alloġġi tal-annimali fejn ma jkunx jista' jiġi evitat l-esponiment għal impjant tat-trattament tad-drenaġġ jew l-emissjoni diretta għall-ilma tas-superfiċe.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti probabbli diretti jew indiretti, struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2.

Użu # 2 — Kontroll tad-dubbien li jagħti fastidju u li jigdem fit-trobbija tal-annimali — utenti mhux professjonali

Tip ta' prodott	TP 18 — Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra (Kontroll tal-pesti)
Jekk rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Larviċida għall-kontroll tad-dubbien li jagħti fastidju u li jigdem fit-trobbija tal-annimali: Fuq ġewwa fl-alloġġi tal-annimali (żwiemel, nagħaġ, mogħoż, fniek, inmsa).
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju tal-iżvilupp)	Isem xjentifiku: Muscidae: Isem komuni: Dubbien Stadju tal-iżvilupp: L-istadji kollha tal-larva
Qasam/oqsma tal-użu	Fuq ġewwa Fuq ġewwa fl-alloġġi tal-annimali.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar Deskrizzjoni dettaljata: **Sprejjar bi pressjoni baxxa:** — Żid l-ilma mal-prodott bejn wieħed u ieħor sa nofs il-volum finali tal-ilma, ħawwad sewwa, żid sal-volum finali u ħawwad ftit qabel l-użu. Sprejja fl-istess ġurnata. Metodu: Tixrid

	Deskrizzjoni dettaljata: **Tixrid xott —** Applika l-prodott direttament fil-postijiet fejn jiżviluppa d-dud tad-dubbien. Ixxerridx fuq demel niexef jew fuq demel b'superfiċe niexfa. Fil-każ ta' materja organika xotta, applika biss permezz ta' sprejjar.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: Sprejjar bi pressjoni baxxa: 25 g/m² (prodott mhux dilwit (granuli)) Dilwizzjoni (%): Għal superfiċe ta' 10 m² żid 250 g ta' prodott fl-ilma, imla sa volum totali ta' bejn 1 u 4 litri skont l-umdità tas-substrat li għandu jiġi ttrattat. –Dilwizzjoni 250 g f'1 L: 100 ml meħtieġa għal kull 1 m²; 5 L meħtieġa għal kull 50 m² – – Dilwizzjoni 250 g f'2 L: 200 ml meħtieġa għal kull 1 m²; 10L meħtieġa għal kull 50 m² — Dilwizzjoni 250 g fi 3 L: 300 ml meħtieġa għal kull 1 m²; 15L meħtieġa għal kull 50 m² — Dilwizzjoni 250 g f'4 L: 400 ml meħtieġa għal kull 1 m²; 20L meħtieġ għal kull 50 m² – Għadd u ħin tal-applikazzjoni: Minħabba l-mod ta' azzjoni taċ-ċiromażina, il-kontroll effettiv tal-larvi ma jibdiex minnufih. Il-prodott bijoċidali jikkontrolla b'mod effiċjenti l-popolazzjonijiet tad-dubbien minn ġimagħtejn sa 10 ġimgħat wara t-trattament bil-larviċida. Jekk ikun meħtieġ, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ripetuti ladarba jerġgħu jidhru l-larvi tad-dubbien. Għall-għadd massimu ta' applikazzjonijiet, ara t-taqsima struzzjonijiet speċifiċi għall-użu hawn taħt. Rata ta' Applikazzjoni: Tixrid xott: 25 g/m² Dilwizzjoni (%): Applikazzjoni diretta tal-granuli Għadd u ħin tal-applikazzjoni: Minħabba l-mod ta' azzjoni taċ-ċiromażina, il-kontroll effettiv tal-larvi ma jibdiex minnufih. Il-prodott bijoċidali jikkontrolla b'mod effiċjenti l-popolazzjonijiet tad-dubbien minn ġimagħtejn sa 10 ġimgħat wara t-trattament bil-larviċida. Jekk ikun meħtieġ, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ripetuti ladarba jerġgħu jidhru l-larvi tad-dubbien. Għall-għadd massimu ta' applikazzjonijiet, ara t-taqsima struzzjonijiet speċifiċi għall-użu hawn taħt.
Kategorija/i tal-utenti	Pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakketti u materjal tal-imballaġġ	**Daqsijiet:** 1, 5 kg. **Materjali tal-imballaġġ:** Kontenitur tal-PP jew tal-PE (mhux flessibbli) b'għatu bil-kamin (massimu 1 kg) Barmil tal-PP jew tal-PE bil-manku (mhux flessibbli) (massimu 5 kg) Boroż tal-PP jew tal-PE (massimu 5 kg), miġbura f'kartuni. Xkora tal-PP jew tal-PE f'kaxxa tal-kartun (massimu 5 kg) Boroż tal-aluminju b'kisja tal-PP jew tal-PE interna (massimu 5 kg) L-imballaġġi għall-utenti privati jeħtieġ li jiġu fornuti b'apparat tal-kejl.

4.2.1. *Struzzjonijiet għall-użu speċifiċi għall-użu*

Ilbes xedd tas-saqajn/bwiez b'saħħithom matul l-applikazzjoni tal-prodott.

Ħejji s-soluzzjoni tal-isprej billi żżid il-volum xieraq tal-prodott bijoċidali mal-volum meħtieġ ta' ilma nadif u ħallat.

Il-volum xieraq tal-prodott bijoċidali jitkejjel bl-użu tal-apparat tad-dożaġġ ipprovdut fl-imballaġġ f'konformità mat-tabella dwar ir-rata/i ta' applikazzjoni u l-frekwenza.

Għall-isprejjar: Applika dan il-prodott biss b'apparat ta' pressjoni baxxa li jinżamm u jitħaddem bl-idejn (3 bar jew anqas) preferibbilment flimkien ma' tarka tal-isprejjar.

Għat-tixrid: Applika dan il-prodott biss bl-użu tal-apparat ipprovdut fil-pakkett tal-prodott.

Il-prodott jista' jiġi applikat permezz ta' sprejjar jew ta' tixrid xott. F'sena huwa permess wieħed biss minn dawn il-metodi ta' applikazzjoni speċifiċi bl-għadd massimu tiegħu ta' applikazzjonijiet ta' prodott bijoċidali.

Żwiemel:

Applika f'medda ta' 50 cm tul il-ħitan.

L-ewwel applikazzjoni l-aħjar issir minn jum sa 3 ijiem wara t-tneħħija tad-demel, ladarba d-demel jibda jakkumula mill-ġdid. Għall-aħjar riżultati, uża fuq imraqad mhux ikkumpattati.

Sprejjar: Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena

Tixrid xott: Massimu ta' 2 applikazzjonijiet fis-sena

Imqawel tal-mogħoż u tan-nagħaġ:

Ittratta s-superfiċe kollha tal-mifrex, rispettivament is-superfiċe kollha tal-art f'każ ta' pavimenti f'għamla ta' gradilja.

Sprejjar: Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena.

Tixrid xott: Massimu ta' 4 applikazzjonijiet fis-sena.

Fniek:

Ittratta ż-żona direttament taħt il-gaġeġ fejn jaqgħu l-eskrementi matul iċ-ċiklu tat-trobbija. L-ewwel trattament madwar 3 ijiem wara li jaslu l-annimali.

Sprejjar jew tixrid xott: Massimu ta' 5 applikazzjonijiet fis-sena.

Inmsa:

Ittratta l-kaxxa tal-mifrex taħt il-gaġeġ jew iż-żona tal-mifrex.

Sprejjar jew tixrid xott: Massimu ta' applikazzjoni waħda fis-sena.

Ixxerridx il-granuli fuq demel niexef jew fuq demel b'superfiċe niexfa, applika permezz tal-isprejjar.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— Għall-użu biss f'żoni li mhumiex aċċessibbli għat-tfal.

— Tapplikax direttament fuq l-annimali.

— Tapplikax direttament fuq jew ħdejn l-ikel, l-għalf jew ix-xorb, jew fuq superfiċi jew aċċessorji li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett mal-ikel, l-għalf, ix-xorb jew il-bhejjem.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti probabbli diretti jew indiretti, struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 3.

Użu # 3 — Kontroll tal-larvi tad-dubbien li jagħti fastidju f'faċilitajiet tal-immaniġġar tal-iskart — utenti professjonali

Tip ta' prodott	TP 18 — Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra (Kontroll tal-pesti)
Jekk rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Larviċida għall-kontroll tad-dubbien li jagħti fastidju u li jigdem fil-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart li ġejjin: Faċilitajiet tal-MBT (trattament mekkaniku u bijoloġiku) u siti tal-kompostjar.
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju tal-iżvilupp)	Isem xjentifiku: Muscidae: Isem komuni: Dubbien Stadju tal-iżvilupp: L-istadji kollha tal-larva
Qasam/oqsma tal-użu	Fuq ġewwa Fuq ġewwa fil-faċilitajiet tal-MBT (trattament mekkaniku u bijoloġiku) Fuq ġewwa fis-siti tal-kompostjar
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar Deskrizzjoni dettaljata: **Sprejjar bi pressjoni baxxa** — Żid l-ilma mal-prodott bejn wieħed u ieħor sa nofs il-volum finali tal-ilma, ħawwad sewwa, żid sal-volum finali u ħawwad ftit qabel l-użu. Sprejja fl-istess ġurnata.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: 25 g/m^2 (prodott mhux dilwit (granuli)) Dilwizzjoni (%): Għal superfiċe ta' 10 m^2 żid 250 g ta' prodott fl-ilma, imla sa volum totali ta' bejn 1 u 4 litri skont l-umdità tas-substrat li għandu jiġi ttrattat. Għadd u ħin tal-applikazzjoni: **Applikazzjoni inizjali:** Trattament inizjali: Applika preferibbilment kmieni fir-rebbiegħa qabel l-istaġun tad-dubbien. Minħabba l-mod ta' azzjoni taċ-ċiromażina, il-kontroll effettiv tal-larvi ma jibdiex minnufih. Il-prodott bijoċidali jikkontrolla b'mod effiċjenti l-popolazzjonijiet tad-dubbien minn ġimagħtejn sa 10 ġimgħat wara t-trattament bil-larviċida.

	Applikazzjoni mill-ġdid: Applikazzjoni mill-ġdid għas-siti tal-MBT: Trattament mill-ġdid meta jerġa' jiġi osservat d-dud jew meta ż-żona ttrattata tiġi koperta minn materjal ġdid li jkun fih komponenti organiċi b'aktar minn 10 cm.
Kategorija/i tal-utenti	Professjonali
Daqsijiet tal-pakketti u materjal tal-imballaġġ	Daqsijiet: 1, 5, 7, 10, 12,5, 20, 25, 50 kg. Materjali tal-imballaġġ: Kontenitur tal-PP jew tal-PE (mhux flessibbli) b'għatu bil-kamin (massimu 1 kg) Barmil tal-PP jew tal-PE bil-manku (mhux flessibbli) (massimu 10 kg) Xkora tal-karta kraft b'kisi intern tal-PP jew tal-PE (flessibbli) (massimu 50 kg) Borož tal-PP jew tal-PE (massimu 25 kg), miġbura f'kartuni Xkora tal-PP jew tal-PE f'kaxxa tal-kartun (massimu 25 kg) Borož tal-aluminju b'kisja interna tal-PP u tal-PE miġbura f'kartuni (massimu 5 kg).

4.3.1. *Struzzjonijiet għall-użu speċifiċi għall-użu*

Applikazzjoni tal-isprej biss bi pressa baxxa 'l isfel bl-użu ta' bexxiexa li tintlibes mad-dahar.

Siti tal-MBT:

Sprejja fuq is-saff ta' fuq fil-fosos ta' lqugħ li jinsabu fuq ġewwa.

Ittratta biss l-iskart li jinħażen fil-postijiet ta' ħżin fil-magħluq, bħal fosos jew kontenituri tal-ħżin.

Il-postijiet tal-ħżin tal-iskart ma għandhomx jitnaddfu bl-ilma.

Applika l-prodott biss fuq l-iskart li se jiġi inċinerat.

Siti tal-kompostjar:

Applika billi tisprejja lejn it-terz l-aktar baxx tal-għoli tal-munzelli tal-kompost.

Wara l-użu, it-tagħmir tal-applikazzjoni għandu jitbattal minn kwalunkwe prodott residwu u jitlaħlaħ bl-ilma.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

— Matul l-immaniġġar tal-prodott pur (tixrid manwali xott, taħlit u tagħbija): ilbes ingwanti protettivi reżistenti għas-sustanzi kimiċi (il-materjal tal-ingwanti għandu jkun speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

— it-tindif tat-tagħmir tal-isprejjar jew tal-landa tat-tisqija tal-ilma: ilbes ingwanti protettivi reżistenti għas-sustanzi kimiċi (il-materjal tal-ingwanti jrid ikun speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott) u coveralls miksijin.

— Iż-żona ttrattata bl-isprej trid tkun limitata għal 600 m^2 kuljum għal kull utent.

— Adatta ż-żennuna u l-pressjoni tat-tagħmir tal-isprej biex tiżgura rata minima ta' applikazzjoni ta' litru wieħed/min.

— Uża coveralls ta' protezzjoni li jintremew wara l-użu (mill-inqas it-tip 6, EN 13034).

— Kwalunkwe telf tal-prodott fl-ilma miġbur fil-fossa ta' lqugħ irid jintrema bħala skart perikoluż.

— Ittratta l-iskart fuq ġewwa biss fis-siti tal-MBT.

— L-iskart ittrattat fuq ġewwa ma għandux jinħażen fuq barra.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti probabbli diretti jew indiretti, struzzjonijiet dwar l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU [1]

5.1. Struzzjonijiet għall-użu

Il-miżuri ġenerali ta' ġestjoni tar-reżistenza jeħtieġ li jiġu segwiti:

— L-użu ta' dan il-prodott irid ikun alternat bl-użu ta' prodotti bbażati fuq sustanzi attivi oħra b'mod ta' azzjoni differenti biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' reżistenza.

— Uża biss bid-doża rakkomandata (0,5 g sustanza attiva/m^2) biex jinkiseb kontroll tajjeb (90 % jew aktar). Jeħtieġ li tiġi evitata pressjoni ta' għażla sistematika (li tkopri popolazzjonijiet sħaħ), bla interruzzjoni u eċċessiva (konċentrazzjonijiet għolja mhux xierqa) fuq il-popolazzjonijiet tad-dubbien.

— L-infestazzjoni tad-dubbien fl-alloġġi tal-annimali tista' tiġi stmata permezz ta' metodi ta' monitoraġġ (eż. monitoraġġ tad-dehra (mill-ġdid) tal-larvi fid-demel jew popolazzjoni tad-dubbien adulti bi strixxi tal-kolla) qabel it-trattament kimiku.

— L-użu ta' prodotti bijoċidali jista' jiġi kkombinat ma' miżuri sanitarji oħra (eż. tneħħija frekwenti tad-demel) jew mezzi mhux kimiċi ta' kontroll (pereżempju bijoloġiċi inkluż l-użu ta' parassitojdi, fejn dan ikun kummerċjalment vijabbli) fi ħdan programm integrat ta' kontroll tad-dubbien.

— Il-kontroll tal-popolazzjonijiet tad-dubbien reżistenti għaċ-ċiromażina hija possibbli permezz ta' skema ta' ġestjoni integrata li tinkludi strateġiji u sustanzi kimiċi kulturali u bijoloġiċi (larviċidi u adultiċidi) b'mod razzjonali.

— Fil-każ ta' tnaqqis jew tnaqqis preżunt fl-effikaċja, ikkuntattja professjonist.

— Informa d-detentur tal-awtorizzazzjoni jekk it-trattament ma jkunx effettiv.

5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji

Ara miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu.

5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent

Miżuri tal-ewwel għajnuna

Antidotu: Ma huwa magħruf l-ebda antidotu speċifiku. Ittratta b'mod sintomatiku.

[1] L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu f'din it-taqsima huma validi għal kwalunkwe użu awtorizzat.

JEKK JITTIEĦED BIN-NIFS: Jekk iseħħu sintomi, ċempel lil ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew lil tabib.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk iseħħu sintomi, ċempel lil ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew lil tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Jekk iseħħu sintomi laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Ċempel lil ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew lil tabib.

JEKK JINBELA': Jekk iseħħu sintomi, ċempel lil ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew lil tabib.

Miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent

Iġbor bi xkupilja kwalunkwe tixrid ta' granuli u ttrasferixxi f'kontenitur li jista' jiġi ssiġillat. Uża l-granuli skont l-istruzzjonijiet għall-użu f'każ li ma jkunux kkontaminati b'xi likwidu jew armihom f'konformità mal-istruzzjonijiet għal rimi sikur.

Assorbi t-tixrid ta' likwidu bi kwalunkwe assorbent u armih f'konformità mar-regolamenti nazzjonali.

Tarmi l-ebda ilma tal-ħasil mit-tagħmir tat-trattament fil-katusi.

Tarmix il-prodott bijoċidali jew is-soluzzjoni dilwita tal-prodott bijoċidali fis-sistema tad-drenaġġ jew fl-ambjent.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Armi l-prodott, ir-residwi tiegħu u l-imballaġġ f'konformità mar-regolamenti nazzjonali.

5.5. **Kundizzjonijiet tal-ħżin u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott f'kundizzjonijiet normali ta' ħżin**

Aħżen f'postijiet li ma jistgħux jaċċessaw it-tfal, l-annimali domestiċi u l-bhejjem.

Taħżinx qrib l-ikel, ix-xorb u l-għalf tal-annimali.

Aħżen fil-kontenitur oriġinali u magħluq f'post xott, f'massimu ta' 35 °C, protett mid-dawl tax-xemx dirett u mill-umdità.

Ħajja fuq l-ixkaffa: 5 snin

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Element addizzjonali tat-tikketta: Il-prodott bijoċidali fih id-diossidu tas-siliċju amorfu (nano).